MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-26 ta' Ottubru, 2011

Appell Kriminali Numru. 150/2011

**Il-Pulizija**

**v.**

**Anthony Abela**

Il-Qorti,

**1.** Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Anthony Abela talli b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:
(1) bejn il-lejl ta' 1-20 ta' Frar 2008 u 1-21 ta' Frar 2008, ghal-habta ta' nofs-il lejl, minn gewwa Triq il-Kaccatur ikkommetta serq ta' vettura ta' l-ghamla Hillman minghajr numru ta' registrazzjoni a detriment ta' Michael Casha mill-Mosta u/jew persuni ohra, liema serq hu kkwalifikat bil-hin, bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa;

(2) bejn il-gurnata tas-27 ta’ Frar 2008 ghall-habta tas-6.45 a.m. u t-28 ta’ Frar 2008 ghall-habta tas-6.15 a.m., minn gewwa Sqaq Sannat, Marsa, ikkommetta serq ta’ vettura ta’ l-ghamla Fiesta bin-numru ta’ registrazzjoni HAC-785 a detriment ta’ Guido Micallef mir-Rabat u/jew persuni ohra, liema serq hu kkwalifikat bil-hin, bil-valur li jeccedi l-ammont ta’ €233 izda inqas minn €2,330, bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa;

(3) fit-22 ta’ April 2008, ghall-habta tat-tlieta ta’ filghodu kkommetta serq ta’ diversi oggetti, ghad-detriment ta’ Martin Debattista minn tas-Sliema, liema serq huwa kkwalifikat bil-hin, bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-ammont ta’ €233 izda inqas minn €2330;
(4) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli, meta ghamel hsara fuq il-bieb tal-Blue Cross Clinic sitwat fi Triq il-Wied, B’Kara, ghad-dannu ta’ Martin Debattista minn tas-Sliema, liema hsara ma tiskorrix l-elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69) imma izjed minn mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47);

(5) fit-18 ta’ Frar 2008, ghall-habta tat-tlieta ta’ filghodu minn gewwa Triq id-Dar tal-Kleru, B’Kara, u minn inhawi ohra f’dawn il-Gzejjer, ikkommeta serq t’oggetti (tmien cilindri tal-gass), a detriment ta’ Mary Anne Zammit minn B’Kara u/jew persuni ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-hin u bil-lok;

(6) nhar-il 21 ta’ Frar 2008, ghall-habta tad-disgha ta’ filghaxija fil-limiti tal-Handaq, ikkommetta serq ta’ pjanci ta’ vettura bin-numru tar-registrazzjoni IAJ-447, a detriment ta’ Godfrey Grima minn Santa Venera u/jew persuni ohra, liema serq hu kkwalifikat bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa;

(7) fit-22 ta’ Frar 2008, ghall-habta tad-disgha ta’ filghaxija f’dawn il-Gzejjer, u fil-granet ta’ qabel, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih nnifsu jew ghal haddiehor, f’xi dokument mahsub ghal xi awtorita` pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija

falza, jew ta’ taghrif falz u cioe` billi ghamel uzu minn numru ta’ registrazzjoni IAJ-447 fuq vettura tal-ghamla Hillman li n-numru tar-registrazzjoni originali taghha kien BBD-026;

(8) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat u cioe` billi ghamel uzu minn numru ta’ registrazzjoni IAJ-447 fuq vettura tal-ghamla Hillman li n-numru tar-registrazzjoni originali taghha kien BBD-026;

(9) f’Malta xjentement laqa` ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat jew xjentement b’kull mod li jkun ndahal biex ibieghhom jew imexxihom;

(10) fit-22 ta’ Frar 2008, ghal habta tad-9.00p.m., fi Triq Cameron, Gzira, saq vettura tal-ghamla Hillman bin-numru ta’ registrazzjoni IAJ-447, minghajr ma kienet licenzjata mill-Awtorita` dwar it-Trasport ta’ Malta biex tintuza fit-triq;

(11) fit-22 ta’ Frar 2008, ghal habta tad-9.00p.m., fi Triq Cameron, Gzira, saq vettura tal-ghamla Hillman bin-numru ta’ registrazzjoni IAJ-447, minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mill-Kummissarju tal-Pulizija jew mill-Awtorita` dwar it-Trasport ta’ Malta jew minghajr licenzja specifikata, u b’hekk ma kienx kopert b’polza tas-sigurta` dwar riskji ta’ terzi persuni;

(12) fil-5 ta’ Marzu 2008, f’dawn i1-Gzejjer, naqas li jhares xi kondizzjoni imposta fuqu kif provdut fl-artikolu 355AL tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet mitluba tittratta ma’ l-imsemmi Anthony Abela bhala recidiv skond diversi sentenzi moghtija mill-Qrati Maltin liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali ta’ l-1 ta’ Marzu 2011 li

permezz taghha dik il-Qorti ma ttrattax ma' l-imsemmi Anthony Abela dwar l-imputazzjoni ta' ricettazzjoni ghax "alternattiva ghas-serq" izda sabitu hati fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata ta' l-istess Anthony Abela "fir-rigward ir-reati l-ohra fil-margini tal-akkuzi riportati li fir-rigward il-vettura tal-ghamla Fiesta huma limitati ghas-serq taghha. Mill-bqija l-imputazzjonijiet jirrizultaw ukoll fuq dik kontravvenzjonali bi ksur ta' l-artikolu 355A.L.(3) tal-Kap. 9", u wara li rat l-artikoli 18, 261(b)(f)(g), 263, 264, 270, 271(g), 278(1)(2), 49, 50 u 17 tal-Kap 9; l-artikoli 15(1)(a) u 15(1A) tal-Kap 65; l-artikolu 3(1)(2)(b) tal-Kap 104, ikkundannatu sitt xhur prigunerija;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Generali pprezentat fis-17 ta' Marzu 2011 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi tikkonfermaha fejn sabet lill-appellat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, filwaqt li tirrevokaha u thassarha f'dik il-parti fejn infliggiet piena ta' sitt xhur prigunerija effettivi u minflok tinfliggi l-piena kontra tieghu skond il-ligi;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawza; rat il-fedina penali aggornata ta' l-appellat esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semghet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** Mill-atti jirrizulta illi l-appellat irregistra ammissjoni li l-ewwel Qorti ddeskrivietha bhala wahda volontarja u inkondizzjonata. Minn ezami tas-sentenza appellata, pero`, jirrizulta illi l-imputazzjonijiet li hadet in konsiderazzjoni l-ewwel Qorti kienu biss dawk hawn fuq enumerati bhala numri 1, 2, 9, 10, 11 u 12, kif ukoll l-addebitu tar-recidiva (ara l-ewwel faccata tas-sentenza appellata). Dan ifisser illi l-ewwel Qorti hadet in konsiderazzjoni biss l-imputazzjonijiet li, fl-akkuza, jinsabu a fol. 1 u a fol. 2 tal-process u njorat l-imputazzjonijiet li jinsabu a fol. 1 *retro*, cioe` l-imputazzjonijiet min-numru 3 san-numru 8.

**6.** Issa, l-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali jiddisponi hekk:

**"Il-qorti, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub**

**hati, taghti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodici jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat".**

Dwar it-tielet, ir-raba', il-hames, is-sitt, is-seba', u t-tmien imputazzjonijiet l-ewwel Qorti giet li ma ppronunzjatx ruhha. Dan ifisser li s-sentenza appellata hi difettuza minn wiehed mir-rekwiziti essenzjali, cioe` billi naqset milli ssemmi l-fatti kollha li dwarhom sabet lill-appellat hati. Skond gurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti, in-nuqqas li jigi rispettat strettament il-vot tal-ligi fl-artikolu 382 jimporta n-nullita` tas-sentenza appellata. Dan ghaliex dan-nuqqas jammonta ghal nuqqas ta' formalita` sostanzjali fis-sens ta' l-artikolu 428(3) tal-Kodici Kriminali. F'kaz simili dan jintitola lil din il-Qorti li thassar is-sentenza appellata[1].

**8.** Ghaldaqstant din il-Qorti sejra tiddikjara *ex officio* s-sentenza ta' l-ewwel Qorti nulla u, sabiex ma tipprivax lill-partijiet, u specjalment lill-appellat, mill-beneficcju tad-doppju ezami, sejra tirrimetti l-atti lill-ewwel Qorti sabiex tiddeciedi l-kawza skond il-ligi.

**9.** Ghal dawn il-motivi tiddisponi mill-appell billi tannulla s-sentenza appellata u tordna lir-Registratur sabiex minnufih jibghat l-atti lura lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabiex dik il-Qorti tiddecidi l-kaz skond il-ligi. L-appellat jitqieghed fl-istess pozizzjoni li kien wara li rregistra l-ammissjoni tieghu.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[1] Ara l-Appelli Kriminali fl-ismijiet: **Il-Pulizija v. Donald Cilia**, 24 ta' April 2002; **Il-Pulizija v. Benjamin Muscat**, 28 ta' Gunju 2002 u 10 ta' Lulju 2002; **Il-Pulizija v. Joseph Zahra**, 9 ta' Settembru 2002; **Il-Pulizija v. Paul Cachia**, 25 ta' Settembru 2003; **Il-Pulizija v. Mark Portanier**, 14 ta' Settembru 2004; **Il-Pulizija v. John Axiaq et**, 19 ta' Mejju 2005; **Il-Pulizija v. Stefan Abela**, 2 ta' Frar 2006; **Il-Pulizija v. Emanuel Mercieca**, 7 ta' Frar 2006; **Il-Pulizija v. Anthony Borg**, 1 ta' Gunju 2006; **Il-Pulziija v. Marcel Dingli**, 9 ta' Frar 2007.